## NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 64 - IT-TLIETA 22 TA' AWWISSU 2017**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fil-17:33) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Skużati | Clifford Galea | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Benjamin Bugeja | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Pubbliku preżenti: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

### 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Galea kien infurmah li mhux se jkun jista' jattendi għal-laqgħa. Kopja tal-email annessa f'A.

### 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-minuti ġew approvati, *nem con*, wara proposta mill-Kunsillier Sciberras, issekondata mill-Viċi Sindku. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.3. Il-Kunsillier Brincat staqsa x'kien sar dwar punti nru. 5.24 u 5.25 tal-minuti, rigward għajnuna mill-GreenPak biex issir sorveljanza fil-Pjazza.

2.4. Is-Sindku infurmatu li ġiet installata camera, u diġà hemm xi filmati.

2.5. Il-Kunsillier Brincat staqsa jekk tistax tittieħed azzjoni kontra min inqabad bil-camera. Is-SE infurmaħ li l-filmati intbagħatu lil-LESA u diġà marru kellmu xi persuni.

2.6. Is-Sindku staqsiet jekk intbgħatitx l-ittra dwar punt nru. 5.20, rigward il-Park Reġjonali. Is-SE infurmaha li kien għada ma ntbagħatitx.

2.7. Il-Kunsillier Gatt staqsa dwar punt nru. 5.21, rigward il-laqgħa bejn Transport Malta (TM), il-Kunsill u r-residenti ta' Triq Guzeppi Stivala. Is-SE infurmaħ li l-Kunsill għadu qed jistenna għal data min-naħa ta' TM.

2.8. Il-Kunsillier Gatt staqsa ukoll dwar punt nru. 7.2, rigward il-kunċert annwali li se jorganizza l-Kunsill. Is-SE infurmaħ li l-Kunsillier Brincat qed jipprova jorganizza laqgħa.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku infurmat li saret laqħga mal-Onor. Deo Debattista, li għaliha kienu preżenti l-Kunsillieri Agius, Brincat, is-SE u hi. Waqt il-laqgħa ġiet diskussa l-indafa u l-problemi tal-iskart.

3.2. Infurmat li l-Onor. Debattista wiegħed impenn mill-Gvern u lest illi jgħin lill-Kunsill. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jipprova jutilizza Pulizija pajżana, li jiġu irħas mill-Gwardjani u fuq kollox aktar effettivi.

3.3. Hija infurmat ukoll li waqt il-laqgħa ġiet diskussa l-possibilità li jsir ħasil tal-bankini ta' Triq tal-Labour mis-CSD, u l-Onor. Debattista aċċetta li jibgħat xi ħaddiema, iżda ma setax jgħati data.

3.4. Hija kompliet billi qalet li ġie diskuss ukoll il-V18. l-Onor. Debattista offra li jekk il-Kunsill ikollu xi attività, għandu jinfurmah. Filfatt f'dan il-ħin issemma l-kunċert annwali li qed jippjana l-Kunsill.

3.5. Is-Sindku infurmat li saret laqgħa ma' uffiċjali mill-Ministru tat-Trasport, fejn ġew diskussi diversi problemi fosthom ta' traffiku, Triq Ġużeppi Stivala, Triq il-Parroċċa il-Pjazza u Baħar iċ-Ċagħaq. Is-SE informa li din il-laqgħa saret sabiex il-Ministru jingħata l-informazzjoni għal meta ssir il-laqgħa li talab il-Kunsill miegħu.

3.6. Is-Sindku tat rendikont taż-żjara li saret f'Coreno Ausonio fl-Italja. Infurmat li kien hemm Sindki mill-Italja, Strumyani u l-Macedonia preżenti. Il-President tal-Parlament Ewropew, Antonio Tajani attenda għall-laqgħa wkoll. Infurmat ukoll li waqt il-Festival ta' Strumyani se jsiru laqgħat dwar proġetti Ewropej.

3.7. Is-Sindku Infurmat li l-Kunsill ġie mistieden għall-Festival Internazzjonali tal-Folklore fi Strumyani. Din hija stedina ta' kull sena u li għaliha l-Kunsill intalab jattendi b'erba' persuni. Kien maqbul li jattendu s-Sindku, s-SE u l-Kunsillieri Sciberras u Agius.

3.8. Is-Sindku infurmat bil-problema ta' caravans li qed ikun hemm fiż-żona tal-iSplash & Fun. Qed ikun hemm ħafna caravans ipparkjati b'mod li qed joħolqu inkonvenjent għal min imur jgħum u ma jkollux caravan. Għalhekk ssuġġeriet li tintbagħat ittra lill-Prim Ministru fir-rigward ta' dan. Il-Kunsill qabel.

3.9. Is-Sindku infurmat dwar l-inizzjattiva ta' tindif minn Let's Do It Malta, fejn se jsir it-tindif ta' Triq John Adye, Qalet Marku u t-Trade Fair. Din l-attività se ssir fis-16 ta' Settembru. Hija appella għall-preżenza tal-Kunsillieri għalkemm hi inzertat se tkun imsiefra.

3.10. Is-Sindku fakkret fil-permess maħruġ għall-bini ta' dar tal-anzjani. Hija spjegat kif il-Kunsill kien oġġezzjona għall-proġett. Infurmat li ġie kkonsultat l-avukat tal-Kunsill li ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jappella. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel li jissottometti l-appell.

3.11. Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Brincat wera x-xewqa li ma jibqax responsabbli mill-ambjent. Kien hemm il-qbil li din ir-responsabbiltà tingħata lill-Kunsilliera Cuomo u hi ma tibqax tassumi r-responsabbiltà tat-traffiku.

3.12. Is-Sindku infurmat li saret laqgħa mad-Direttur tal-Animal Welfare li ressaq proposta biex tkun allokata żona mal-kosta fejn jitniżżlu ż-żwiemel fil-baħar. Ġiet diskussa wkoll għajnuna finanzjarja biex jiġi stabbilit cat cafè.

3.13. Fir-rigward taż-żona għaż-żwiemel fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, u permezz ta' arranġamenti min-naħa tiegħu, kien hemm il-qbil li jsiru testijiet tal-ilma. Il-Viċi Sindku għandu jiċċekja ukoll jekk iż-żwiemel jistgħux jitniżlu post ieħor u terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

3.14. Fir-rigward tal-cat cafè, li l-Kunsill qabel li għandu jsir fi Ġnien il-Ħamrija, d-Direttur tal-Animal welfare qal li lest li jipprovdi l-fondi għal dan il-proġett jekk ikun hemm vot għalih fil-baġit li jmiss.

3.15. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien is-18:13.

3.16. Il-Kunsilliera Cuomo infurmat li saret laqgħa mal-MTA, li għaliha kienu preżenti s-Sindku, s-SE u hi fejn ġiet diskussa l-istat tal-bajja f'Baħar iċ-Ċagħaq. Wara l-laqgħa marru uffiċjali tal-MTA fuq il-post li nadfu l-bajja mill-ġebel darbtejn, bnew taraġ u naddfu ukoll taħt is-siġar. Semmiet li hemm xi ħofor fit-triq li għandom bżonn jitraqqgħu, dan iżda huwa xogħol li jrid isir mill-Kunsill.

3.17. Is-Sindku infurmat li fil-laqgħa mal-MTA il-Kunsill ġie mitlub ukoll jippreżenta proġett ta' restawr. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li possibilment tkun restawrata l-istatwa tal-Karmnu.

3.18. Is-Sindku infurmat li saret laqgħa spontanja ma Save a Drop fejn qablu li l-Kunsill għandu japplika għal pompa għall-ġibjun tal-Pjazza.

3.19. Is-Sindku infurmat li saret laqgħa ma Dr. Cuschieri mill-ELC fejn ġie diskuss titjib fis-servizz. F'din il-laqgħa iltaqgħu ukoll mal-contact person il-ġdid is-Sur Josef Borg.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Il-Kunsill approva (nem con) il-lista ta' pagamenti kif annessa f'B wara proposta mill-Kunsilliera Cuomo u ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

5.2. Il-Kunsill approva wkoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'Ċ, D u E rispettivament.

5.3. Is-SE spjega kif kull darba li titla' delegazzjoni mill-Kunsill barra minn Malta, dejjem jiltaqgħu ma diffikultà dwar x'mementos għandhom jittieħdu. Ħafna drabi dejjem jispiċċa jqassam l-istess ktieb u għalhekk huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jalloka ammont ta' madwar €1500 sabiex ikun jista jixtri mementos varji u sbieħ. Il-Kunsill qabel.

5.4. Il-Kunsill qabel li jkun ippubblikat kalendarju għas-sena 2018.

5.5. Is-SE spjega li l-apparat fil-latrina kien malandat u għalekk kien qed jitlob l-approvazzjni tal-Kunsill sabiex dawn jinbidlu. Il-Kunsill qabel li jinbidlu l-bins, dryers u jsiru twieqi. Il-ħitan għandhom isirilhom cement boards u jinksew bir-*rubber paint*.

5.6. Is-SE informa li kien sar il-ħasil tal-bandli u ċ-ċentru, u li huwa ppjanat li jerġa jsir qabel il-festa.

5.7. Il-Kunsillier Agius ippreżenta rapport dwar l-indafa. Il-Kunsillier Brincat sostna li s-sitwazzjoni kienet tranġat għal ftit iżda issa rieġa sejra lura.

5.8. Is-SE sostna fl-importanza li l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratti jkunu tajbin u jinkludu kundizzjonijiet ċari dwar x'irid il-Kunsill bħal ammont ta' ħaddiema u tip ta' apparat.

5.9. Il-Kunsillier Brincat issuġġerixxa li l-Kunsill jivverifika jekk in-nies imqabbda humiex irreġistrati.

5.10. Kien hemm il-qbil li jintbagħatu l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt eżistenti lill-Kunsillieri bl-email għall-kummenti tagħhom.

**6. RAPPORT DWAR L-EWWEL PROĊESS TAL-MILI TA' POST TA' SKRIVAN/A**

6.1. Is-SE ippreżenta r-rapport dwar l-ewwel proċess tal-mili ta' post ta skrivan/a, li kien meqjus moqri.

6.2. Il-Kunsill qabel mar-rapport.

**7. APPROVAZZJONI TAL-BYE LAWS**

7.1. Is-SE informa li kien skada ż-żmien ta' konsultazzjoni dwar il-Bye Laws tal-użu tal-faċilitajiet u tisjir fil-beraħ, u wasal iż-żmien li l-Kunsill japprovhom.

7.2. Huwa talab li l-Kunsill jispeċifika l-ammont li se jintalab meta jinkera l-grawnd tal-futbol.

7.3. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għal attivitajiet sportivi l-miżata tkun ta' €20; għal attivitajiet kulturali jew edukattivi jkun b'xejn; għal attività kummerċjali l-miżata tkun ta' €50 fis-siegħa b'massimu ta' €300 f'ġurnata.

7.4. Il-Kunsill approva l-Bye Laws.

**8. MOZZJONI GĦAL ĠNIEN ĠDID**

8.1. Is-Sindku ppreżentat u qrat il-Mozzjoni. Annessa f'F.

8.2. Il-Kunsillier Brincat sostna li l-Kunsill irid joqod attent mill-*water feature* kif ukoll il-finanzjament.

8.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

**9. MOZZJONI GĦAL AKTAR AĊĊESSIBILITÀ FIĊ-ĊENTRU**

9.1. Is-Sindku ippreżentat u qrat il-Mozzjoni. Annessa f'G.

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

**10. L-ATTIVITÀ TAL-MILIED**

10.1. Is-Sindku infurmat li saret laqgħa waħda biss u għal-laqgħa ta' wara attendew biss hi, s-SE u l-Kunsilliera Cuomo.

10.2. Is-Sindku ssuġġeriet li, għall-attività, l-Kunsill jistieden żewġ persuni minn Strumyani, Agia, Coreno Ausonio u l-Macedonia. Il-Kunsill qabel.

10.3. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jerġa jipprova jġib gruppi barranin biex jieħdu sehem fl-attività.

10.4. Il-Viċi Sindku ta rendikont tal-ħidma tiegħu fir-rigward tal-attività. Huwa semma li qed jikkordina l-presepju ħaj; wirja ta' fniek; wirja ta' presepji; korsijiet kif jinbena presepju; kors tad-drama, li l-final tiegħu se jkun parti mill-attività; wirja ta' mudelli; annimali għall-presepju ħaj; wirja ambjentali minn Guido Bonett fil-kazin tal-Peace; wirja ta' 12-il mudell ta' kappelli tan-Naxxar mis-Sur Angelo Fenech li wara l-attività tittella' fil-bini tal-Kunsill.

**11. RENDIKONT TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILLIERI**

11.1. Il-Viċi Sindku semma l-pjanijiet li għandu għal attivitajiet varji. Kors tad-drama li għandu jibda fis-7 ta' Ottubru; Bio Magnetic therapy session u workshops; kif tibni presepju; kif tibni mudelli tal-ajruplani; kompetizzjoni tal-fniek u tberik tal-annimali, din issir lejn Frar 2018; *cookout* u *horseriding*; Explora fin-Naxxar; storytelling. Is-SE ġibidlu l-attenzjoni li fir-rigward ta' attivitajiet li elenka u li ma ppreżentax informazzjoni lill-Kunsill, mhux se jkunu meqjusa approvati f'dan l-istadju.

11.2. Il-Kunsilliera Cuomo infurmat li ġabret informazzjoni dwar host families ġewwa n-Naxxar. Ġabret ukoll informazzjoni dwar restaurants eċċ, li se tibagħat bl-email.

11.3. Is-Sindku infurmat li qed tara x'titjib jista' jsir fl-aċċessibilità u filfatt se tkun qed tiltaqa' ma nies b'diżabbiltajiet sabiex tieħu suġġerimenti mingħandhom fejn jista jsir titjib fl-aċċessibilità fil-lokalità. Dwar ġonna infurmat li kellha laqgħa mal-ELC fejn ġie diskuss titjib fis-servizz.

11.4. Il-Kunsillier Agius ippreżenta r-rapporti tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-indafa tat-toroq u fil-latrina.

**12. PROPOSTA GĦALPROĠETT B'FONDI EWROPEJ**

12.1. Il-Kunsill qabel li japplika għall-proġett bħala leader. Qabel ukoll li jkollu għajnuna ta' konsulenti għall-proġett.

**13. EUROPEAN MOBILITY WEEK**

13.1. Is-Sindku fakkret li fis-17 ta' Settembru ippjanat li ssir attività fil-Pjazza u appellat lill-Kunsillieri responsabbli biex jiġu bl-ideat u jħejju l-applikazzjoni

**14. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

14.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2017 fil-17:30.

14.2. Il-laqgħa intemmet fit-20:15.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |